# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 4**

**Rikors Kost. numru: 707/99 M1 NA**

**Schembri Joseph**

**vs**

1. **Onorevoli Prim Ministru bhala Kap tal-Gvern ta' Malta**
2. **Onorevoli Vici Prim Ministru, Ministru tal-Politika Socjali, b'responsabilita' ghat-tmexxija tal-Kamra tar-Rapprezentanti tar-Repubblika ta' Malta, Dottor Lawrence Gonzi B.A., LL.D., M.P.**
3. **Avukat Generali tar-Repubblika**
4. **Onorevoli Speaker tal-Kamra tar-Rapprezentanti tar-Repubblika ta' Malta**
5. **Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja**
6. **Mary Schembri, kjamat fil-kawza b'digriet tat-30 ta' Settembru 1999**

**Il-Qorti,**

Dawn il-proceduri gew inizjati b'rikors tar-rikorrent tal-10 ta' Gunju 1999. Fil-qosor it-talba hija biex il-Qorti tiddikjara li l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jivvjola l-Kostituzzjoni ta' Malta, partikolarment il-Kapitolu 4 ta' l-istess Kostituzzjoni, kif ukoll il-provvedimenti tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem illum inkorporati fil-Ligijiet ta' pajjizna fil-Kapitolu 319. Minkejja illi jissemma l-principju kardinali ta' l-*audi alteram parte* u tal-fatt li l-gustizzja mhux biss trid issir izda trid tidher li qieghdha ssir, l-ilment principali tar-rikorrent, infatti l-ilment uniku tieghu, huwa li l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili kkagunalu sofferenza u li kontra tieghu, a bazi ta' dan l-Artikolu, sar abbuz u gew vjolati d-drittijiet fundamentali tieghu. Dan qieghed jinghad minn issa ghax minkejja li bil-beneplacidu ta' din il-Qorti parti sostanzjali mix-xhieda li giet moghtija mill-istess rikorrenti u parti sostanzjali mill-argumentazzjoni legali li giet proposta f'dawn il-proceduri huma proprju immirati lejn il-principju l-iehor u cioe' li r-rikorrenti ma inghatax smiegh xieraq quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili meta dina, fi proceduri quddiemha bejnu u bejn martu, ordnat li huwa jallontana ruhhu mid-dar matrimonjali *pendente lite* l-proceduri ta' separazzjoni personali bejn dawn il-konjugi. Minkejja illi,

jerga' jinghad, dan mhuwiex wiehed mill-ilmenti kostituzzjonali ta' l-istess rikorrenti, din il-materja sejra tigi ezaminata minn din il-Qorti u dana peress illi dan il-punt gie dibattut u jiswa ghalhekk li l-Qorti tikkummenta dwaru. L-istess jista' jinghad ghall-kwistjoni l-ohra ta' natura legali li giet imsemmija mir-rikorrenti u cioe' jekk is-Sekond'Awla, Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, kellhiex id-dritt li timponi din il-mizura fil-parametri tal-ligi civili ta' pajjizna minkejja illi, dwar dan il-punt, il-Qorti ttendi li taqbel mas-sottomissjonijiet maghmulha mill-intimat illi anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, is-Sekond'Awla ma kellhiex dan il-poter skond il-ligijiet ta' pajjizna, ir-rimedju tar-rikorrenti kellu jkun dak ordinarju u mhux dak kostituzzjonali. Il-punti fuq imsemmija huma fil-qosor il-punti ta' dritt li jridu jigu investigati f'din il-kawza minn din il-Qorti u dan apparti mill-eccezzjonijiet ta' natura procedurali moghtija mill-intimati Onorevoli Speaker, mid-Direttur Generali tal-Qorti, kif ukoll mill-kjamata fil-kawza Mary Schembri u ghall-eccezzjoni preliminari moghtija mill-intimati l-ohra fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qabel pero' ma jigu ezaminati l-punti ta' dritt fuq sollevati l-Qorti sejra taghti fil-qosor il-fatti li wasslu ghal dan ir-rikors. Il-kjamata fil-kawza Mary Schembri kienet ipprezentat rikors

quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra zewgha fejn talbet, apparti milli tkun awtorizzata tipprocedi ghal separazzjoni personali, fost talbiet ohra, li zewgha l-intimat jigi ordnat jallontana mid-dar matrimonjali *pendente lite*. Mhuwiex kontestat illi l-intimat kien prezenti ghall-ewwel dehra tas-smiegh ta' dan ir-rikors, minkejja illi jghid illi ma kienx assistit ghax id-difensur tieghu kellu jitlaq u ghalhekk ma inghatax il-possibbilita' li jispjega l-kaz tieghu w id-diskussjoni li saret, dejjem kif minnu allegat, saret biss bejn l-Imhallef tas-Sekond'Awla w id-difensur ta' martu r-rikorrenti. Jirrizulta illi r-rikors gie differit ghal aktar minn darba meta fis-seduta tat-18 ta' Mejju 1999 inghata d-digriet tal-Qorti (Numru 608/99) li dwaru qed jilmenta r-rikorrenti.  Skond ir-rikorrenti (u dana ma giex ikkontestat) huwa ma kienx prezenti ghal din is-seduta fuq istruzzjonijiet tad-difensur tieghu peress illi f'dak iz-zmien il-partijiet kienu qed jikkoltivaw separazzjoni bonarja. Sar jaf b'dan id-digriet biss u b'kumbinazzjoni minn ghand hu martu w eventwalment minn ghand Surgent tal-Pulizija. Huwa ghamel rikors iehor permezz ta' l-Avukat prezenti tieghu li gie appuntat u fejn kien prezenti u assistit fis-seduta quddiem is-Sekond'Awla, pero' din il-Qorti kkonfermat id-digriet precedenti taghha b'digriet iehor tal-1 ta' Gunju 1999 (Digriet Numru 687/99).

Ikkunsidrat:-

Illi mil-fatti kif esposti fil-parametri tat-talbiet ta' l-istess rikorrenti jkun biss akkademiku illi l-Qorti tezamina in vacuum mill-ottika kostituzzjonali l-fakolta tas-Sekond'Awla li tordna mizura bhal dik li qed tigi kkontestata anke f'assenza ta' xi wahda mill-partijiet dment li dik il-parti tkun giet notifikata bir-rikors promotur. Dan ghaliex, fl-ewwel lok, mhijiex din il-fakolta' li qed tigi kkontestata izda d-dritt aktar fundamentali tas-Sekond'Awla li tadopera tali mizura a tenur ta' l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili. Fit-tieni lok fattwalment jirrizulta illi r-rikorrent odjern kien mhux biss jaf bil-proceduri li kienu gew inizjati minn martu izda kien prezenti ghall-ewwel dehra (minkejja fic-cirkostanzi minnu spjegati) u di piu' inghata l-opportunita' li jerga' jinstema' fuq rikors minnu propost fejn giet sollevata l-istess materja. Kellhiex is-Sekond'Awla taghti l-provvediment li tat fl-assenza tieghu partikolarment jekk forsi kienet taf (minkejja illi dan ma rrizultax b'mod car) bit-trattattivi li kienu ghaddejjin bejn il-koppja dwar separazzjoni konsenswali, huwa apprezzament soggettiv li apparti milli jista', kif attwalment qed jigi, ikkontestat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma jwasalx ghan-nuqqas ta' smiegh xieraq f'mizura li, del resto, hija biss wahda temporanja. Dan jinghad

nonostante illi, jigi ripetut, in-nuqqas ta' smiegh xieraq minkejja illi jissemma specifikatament mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu, mix-xhieda minnu moghtija u fit-trattazzjoni li saret mhuwiex wiehed mill-ilmenti *per se* li qed iqajjem l-istess rikorrenti peress illi, jerga' jinghad, din il-kawza kostituzzjonali hija bbazata fuq il-kostituzzjonalita' o meno ta' l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili.

Ir-rikorrenti jissottometti wkoll illi s-Sekond'Awla ma ghandhiex il-poter tiehu dawn it-tip ta' decizjonijiet.  L-Artikolu 46 tal-Kodici Civili nfatti jitkellem fuq iz-zmien li fih tkun miexja l-kawza.  Quddiem is-Sekond'Awla, Qorti ta' natura volontarja, il-kawza mhijiex ghadha proposta.  Is-Sekond'Awla, infatti, hija fid-dover li tipprova l-ewwel u qabel kollox, tirrikoncilja lill-partijiet u, fin-nuqqas, proprju tawtorizza li tkun proposta l-kawza tal-firda.  Din il-Qorti taqbel perfettament mas-sottomissjoni tar-rikorrent illi l-emendi ntrodotti fl-1983 u, aktar recenti b'dawk ta' l-Att XXI tal-1993 is-Sekond'Awla giet znaturata mill-veste volontarja taghha u inghatat ukoll funzjoni kontenzjuza.  Taqbel ukoll illi s-Sekond'Awla ma tistax tordna din il-mizura a tenur ta' l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili.  Ir-rikorrenti pero' qed jinsa jew donnu qed jinsa illi l-gurisdizzjoni tas-Sekond'Awla fil-materja in kwistjoni ma temanax mill-

Artikolu 46 tal-Kodici Civili izda mill-Artikolu 470 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li wkoll gie sostanzjalment emendat l-ewwel fl-1983 biex ta lis-Sekond'Awla l-fakolta' li takkorda alimenti *pendente lite*, u sussegwentement bl-Att XXI tal-1993 fejn hija inghatat gurisdizzjoni proprju biex tittratta materja bhal dik odjerna. Dan l-Artikolu 470 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sejjer jigi kkwotat testwalment hlief li s-sottolinear huwa tal-Qorti.

**Artikolu 470 (1):**

**"*470.*** *(1) Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 489, it-talba ghal awtorizzazzjoni jew permess biex wiehed jista' jikkuntratta jew biex jaghmel disposizzjoni li dwarhom il-ligi ma tippermettix minghajr ma' jkun hemm qabel awtorizzazzjoni jew permess, jew ghal provvediment jew ordni iehor ta' gurisdizzjoni volontarja u ta' natura civili, ghandha ssir lis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili b'rikors.*

*Izda fir-rikors ghal permess biex issir kawza ghal separazzjoni personali jew f'data wara izda qabel jinbdew il-procedimenti quddiem il-qorti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza, tista' ssir talba sabiex jigi stabbilit l-ammont tas-somma ghall-manteniment*

*fil-waqt li l-procedimenti jkunu pendenti quddiem il-qorti ta' gurisdizzjoni volontarja u l-qorti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza u ghall-ghoti ta' digriet li jordna l-hlas ta' dik is-somma jew talba lill-qorti <u>biex b'digriet tistabbilixxi liema wahda mill-partijiet fiz-zwieg, jekk il-kaz, ghandha matul il-procedimenti tibqa' tghix fid-dar matrimonjali</u>.*"

Strettament u mil-lat purament legali, din il-Qorti kienet tkun proceduralment korretta kieku waqfet hawn bic-cahda tat-talbiet attrici peress illi l-istess rikorrenti mhuwiex qed jattakka l-kostituzzjonalita' ta' l-Artikolu 470 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili pero' biss dak ta' l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili u dan apparti mill-konsiderazzjoni l-ohra illi r-rimedju li kellu jigi wzat mir-rikorrenti fil-kontestazzjoni tal-gurisdizzjoni tas-Sekond'Awla sew taht l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili (dak zbaljat) sew taht l-Artikolu 470 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (dak korret ghax huwa dan l-Artikolu, jigi ripetut, li jaghti din il-kompetenza lis-Sekond'Awla) kien korrettement ikun ir-rimedju ordinarju u mhux kostituzzjonali li huwa l-mod solitu li bih jigu attakkati digrieti tas-Sekond'Awla u cioe' b'citazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Dan nonostante l-Qorti dehrilha illi kellha tezamina l-ilment tar-rikorrenti daqs li kieku kien qed jigi attakkat l-Artikolu 470 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u mhux l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili peress illi, fl-ahhar mill-ahhar, il-principju stabbilit f'dawn l-Artikoli huwa wiehed identiku - id-dritt ta' Qorti li *pendente lite* tordna li parti fi proceduri ta' separazzjoni personali tizgombra mid-dar konjugali. Ukoll pero' qabel ma tghaddi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tistqarr illi taqbel ukoll ma' dak sottomess mir-rikorrenti illi s-Sekond'Awla, li normalment tasal biex tiehu din il-mizura anke minghajr ma tisma' lill-partijiet bil-gurament taghhom, ghandha tasal ghal din il-mizura biss f'kazijiet eccezzjonalissimi bhal fejn, per ezempju, hemm vjolenza kontinwa jew/u perikolu ghall-minuri. Din ukoll pero' hija konsiderazzjoni soggettiva li ghad trid tigi zviluppata fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna u li, *in ogni caso*, ukoll twassal biss ghall-uzu tar-rimedju ordinarju u mhux kostituzzjonali peress illi, *per se*, f'dawn il-proceduri d-dritt ta' smiegh xieraq mhuwiex lez.

L-ewwel ilment tar-rikorrenti fir-rigward ta' l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili huwa li dan l-Artikolu jivvjolixxi l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni fis-sens illi jikser il-principju tat-tgawdija tal-

liberta' u tal-proprieta' kif enuncjati fis-sub-inciz (a) ta' l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll ir-rispett ghall-hajja privata u familjari kif indikati fis-sub-inciz (c) ta' l-istess Artikolu. Illi l-Qorti tikkonsidra, qabel kollox, illi d-drittijiet fundamentali hawn imsemmija huma wkoll inkluzi taht ilmenti ohra mressqa mir-rikorrenti fl-istess rikors li sejrin jigu ttrattati aktar tard minn din il-Qorti. Dan apparti pero', il-Qorti trid ta' bilfors taqbel mas-sottomissjoni ta' l-intimati f'dan ir-rigward illi l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni mhuwiex wiehed enforzabbli taht l-Artikolu 46 ta' l-istess Kostituzzjoni li huwa l-Artikolu li jaghti l-gurisdizzjoni lil din il-Qorti li tezamina ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dan l-Artikolu 46 infatti jsemmi biss id-drittijiet fundamentali elenkati fl-Artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni. Effettivament l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni gie dejjem interpretat bhala Artikolu li jikkontjeni dikjarazzjoni ta' principji li minkejja li kienu principji lodevoli u li kellhom jigu segwiti ma kienux enforzabbli quddiem Qorti.

Ikkunsidrat:-

Kif inghad pero' d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata, tad-dar u tal-korrispondenza kif ukoll id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti huma msemmija wkoll fl-Artikolu 8 u fl-Ewwel

Artikolu ta' l-Ewwel Protokol u jifformaw parti integrali mid-dritt sostantiv taghna fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Ovvjament it-tgawdija ta' dawn id-drittijiet kif, *del resto*, ta' kwazi kollha mid-drittijiet fundamentali l-ohra (hlief forsi dawk tat-tortura u tat-trattament inuman) huma dejjem soggetti ghal kwalifiki soliti fl-interess tad-drittijiet, daqstant essenzjali, tas-socjeta' in generali. Huwa ghalhekk illi l-Artikolu 8 huwa soggett ghar-riservi favur, fost ohrajn, is-sahha jew il-morali, "*jew ghal-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor*" filwaqt illi l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol jaghti dritt lill-Istat li jwettaq ligijiet "*biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali*". Huwa ghalhekk li gie ritenut illi "*The right to respect for private life and home must not be looked at in isolation*", u li "*a fair balance had to be struck between the competing interests of the individual and the community as a whole*", (u hawn issir riferenza ghall-kaz "Stjern vs Finland" (1994) 24 EHHR, 194, para 38). Effettivament fil-kaz "Johston vs Ireland" (1986-9 EHRR, 203, para 57) gie rikonoxxut id-dritt ta' l-Istat li posittivament jipprovdi biex: "*to relieve the parties to a marriage from the obligation to live with one another*" u "*to provide an effective and accessible remedy for protection of one family member from the threats of violence of another*" ("Airey vs Ireland" (1979) LEH,

RR305). Gie wkoll ripetutament rikonoxxut id-dritt ta' l-Istat taht is-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 8 li jindahal, fil-parametri tal-ligi, fil-hajja privata u familjari. (Il-kwotazzjonijiet fuq maghmulha huma kollha mill-ktieb "The Law of Human Rights" - Clayton u Tomlinson, Oxford 2000 - Vol. I a pagni 811, 817 u 927 rispettivament).

Fir-rigward ta' l-indhil minn Awtorita' Statali fit-tgawdija tal-proprieta' l-Qorti ttendi li taqbel, b'mod generiku, mas-sottomissjoni tar-rikorrenti illi dan id-dritt jinkludi mhux biss il-privazzjoni mill-proprieta' innifisha izda wkoll il-privazzjoni ta' l-utilizzazzjoni, tat-tgadwija u ta' l-uzu ta' l-istess proprieta'. Hawn ukoll pero' jezistu r-rizervi fuq imsemmija fejn l-interess pubbliku hekk jirrikjedi u fejn din il-privazzjoni hija kontemplata mil-ligi u fil-principji generali tad-dritt internazzjonali u dan dement illi "*A deprivation by the State must have a basis in national law which is accessible, sufficiently certain and provides protection against arbitrary abuses*" (pagna 1315 mill-istess awturi).

Fir-rigward ta' dan l-ilment din il-Qorti tistqarr illi ma tarax kif l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili jew *del resto* l-Artikolu 470 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jistghu, b'mod

oggettiv, jiksru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Il-mizura li tipprovdi ghalihom dan l-Artikolu mhux biss huwa sancit b'ligi pero' huwa wkoll konformi mad-dritt internazzjonali peress illi l-ligijiet ta' diversi pajjizi ohra civilizzati u demokratici jipprovdu ghal mizuri identici jew simili f'cirkostanzi bhal dawk li tipprovdi ghalihom il-ligi taghna. Dawn il-mizuri huma nfatti kkonsidrati li mhux talli ma jilledux id-drittijiet fundamentali izda huma mizuri necessarji u vitali, fejn jirrikorru l-elementi li ghandhom iwasslu ghalihom, ghall-harsien tas-sahha u tal-morali sew tal-familja, sew tat-tfal minuri fejn ikun hemm l-istess tfal minuri.

Ikkunsidrat:-

Ilment iehor, jew serje ta' ilmenti ohra tar-rikorrenti, huma bbazati fuq l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Skond ir-rikorrenti l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili hija disposizzjoni li hija diskriminatorja kontra tieghu fl-effett taghha. Isostni (a fol. 135 tal-process) illi d-diskriminazzjoni saret bil-mod kif is-Sekond'Awla waslet ghad-decizjoni taghha fil-konfront tieghu partikolarment meta huwa ma inghatax akkomodazzjoni alternattiva adegwata kif jigri f'kazijiet ohra ta' zgumbrament.

Din il-Qorti sincerament thoss illi dan l-ilment tar-rikorrent ma ghandu l-ebda bazi legali u dan ghaliex:  (1) jezistu diversi kazijiet ohra fejn il-ligi tikkontempla zgumbrament minghajr l-obbligu li jigi provdut akkomodazzjoni alternattiva;  (2)  kien hemm diversi kazijiet fil-prattika fejn din il-mizura giet ordnata anke kontra l-mara *pendente lite* kawza ta' separazzjoni personali;  (3)  effettivament ir-rikorrenti ma gie trattat bl-ebda mod differentement milli jigu ttrattati diversi konjugi ohra fi proceduri ta' separazzjoni personali sew quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sew quddiem il-Prim'Awla.

> "*Illi dwar trattament diskriminatorju ntqal illi:*
>
> > *"Not every differentiation of treatment will constitute discrimination if the criteria for such differentiation are reasonable and objective and if the aim is to achieve a purpose which is legitimate under the Convenant.*
>
> *Il-Qrati taghna fil-kawza ta' Martin Vella (Q.K. 22 ta' April 1991) qalu li:  "huwa pacifiku li mhux kull distinzjoni hija diskriminazzjoni ghaliex certi distinzjonijiet huma necessarji ghal ragunijiet politici jew socjali.""*

*Illi definizzjoni ta' xi tfisser "diskriminazzjoni" fil-kuntest ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja nghatat mill-Qorti Ewropeja fis-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru 1995 fil-kawza fl-ismijiet "Spadea and Scalabrino vs Italy". Il-Qorti qalet hekk: "Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in "relevantly" similar situations and treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated."*

("Victoria Cassar vs Awtorita' Marittima ta' Malta et" Citazzjoni Numru 706/99 RCP - Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) - 19/10/2000 ikkonfermata fil-meritu principali taghha mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru 2001).

Finalment ir-rikorrenti jilmenta illi l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili jikser l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni peress illi jippermetti illi persuna tigi ssoggettata ghal trattament inuman u degradanti. F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma taqbilx mas-sottomissjonijiet ta' l-intimati illi l-gurisprudenza ta' Strasbourg dejjem interpretat dan l-Artikolu

bhala li jirreferi ghal xi haga li teffettwa l-inkoluminita' tal-persuna, minkejja illi jigi precizat li din l-inkoluminita' u integreta' effettwata tista' tkun anke wahda mentali - "*Inhuman treatment may take the form of mental suffering ....*" u li ebda kaz ezaminat minn din il-Qorti ma jista' b'xi mod isostni dan l-ilment tar-rikorrenti.  Gie nfatti ritenut fil-kaz "Ireland vs United Kingdom" (18/1/78, A 21 (1978) p. 65) illi jkun hemm trattament inuman meta jkun hemm "*The infliction of intense physical or mental suffering*", filwaqt li trattament degradanti jinkludi "*ill treatment designed to arouse in victims feeling of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance*", cirkostanzi li kjarament ma jinkwadrawx ruhhom fil-fatti tal-kaz prezenti fejn, jigi ghal darb'ohra ripetut, huwa l-kostituzzjonalita' ta' l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili *ut sic* li qed jigi attakkat.  Di piu' gie ritenut illi "*If there is no infringement of Article 8, it is unlikely that there will be a breach of Article 3*" (l-istess awturi pagna 388) u dana b'riferenza partikolari ghal dan l-ilment tar-rikorrenti.

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija l-ilmenti tar-rikorrenti fil-meritu qed jigu michuda bl-ispejjes.  Jibqa' ovvjament riservat kull dritt li lilu jispetta fi proceduri ordinarji.

Fadal ghalhekk biss li jigu decizi d-diversi eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati u mill-kjamat fil-kawza.

Fir-risposta tieghu d-Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja tas-6 ta' Lulju 1999 kien espona illi:

1. "L-esponenti ma ghandhiex interess f'din il-procedura. Di fatti ma hu mitlub l-ebda rimedju jew provvediment li jista' jigi sodisfatt minnha;

2. Ghaldaqstant l-esponenti umilment tissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-attur."

Il-Qorti taqbel perfettament ma' din is-sottomissjoni. L-intimat Direttur Generali tal-Qrati ma ghandu ebda kontroll fuq jekk procedimenti tal-ligi huma konformi mal-Kostituzzjoni, ma kellu qatt ghalhekk ikun parti f'dawn il-proceduri kostituzzjonali u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

L-intimati Onorevoli Prim Ministru, u l-Onorevoli Vici-Prim Ministru u Ministru tal-Politika Socjali jissottomettu fir-risposta taghhom tat-12 ta' Lulju 1999 li kienu gew imdahhla f'dawn il-proceduri inutilment u ghalhekk kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju a tenur ta' l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu fis-sub-artikolu (2) tieghu jipprovdi:

"***181B****(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad- dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*"

Il-Qorti taqbel ukoll ma' din is-sottomissjoni u li l-gudizzju kien ikun integru kieku dawn il-proceduri gew proposti biss kontra l-Avukat Generali u ghalhekk din l-eccezzjoni ta' dawn l-intimati hija wkoll milqugha bl-ispejjes.

L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tar-Repubblika ta' Malta kien espona illi: "*Fit-tieni lok l-esponent bhala Speaker tal-Kamra tad-Deputati ma hux il-legittimu kontradittur fil-kawza kif proposta mir-rikorrenti u ghalhekk*

*ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju*", fir-risposta tieghu tal-1 ta' Lulju 1999. Il-Qorti tikkondividi din is-sottomissjoni li hija milqugha bl-ispejjes kontra r-rikorrenti. L-Artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi dwar ir-rwol ta' li Speaker tal-Kamra f'kaz li ligi tigi ddikjarata anti-kostituzzjonali u m'hemmx lok ghalhekk li jkun partecipi f'dawn it-tip ta' proceduri.

Finalment il-kjamata fil-kawza Mary Schembri fir-risposta taghha tat-12 ta' April 2000 fl-ewwel lok issottomettiet b'mod preliminari "*Illi preliminarjment l-esponenti mhiex il-legittimu kontradittur fir-rikors fl-ismijiet hawn fuq premessi, stante li ma gie mitlub l-ebda rimedju jew provvediment li jista' jigi sodisfatt minnha fir-rikros promotur, u ghaldaqstant titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikrorenti jew min talab il-kjamat in kawza taghha.*" Il-Qorti wkoll thoss illi dak sottomess minn din il-kjamat fil-kawza huwa legalment korrett. Kif gie stabbilit it-talbiet odjerni jirrigwardaw il-kostituzzjonalita' o meno ta' artikolu tal-ligi li ma kienx jirrikjedi li tigi kjamata fil-kawza Mary Schembri f'dawn il-proceduri. Peress pero' illi l-kjamata fil-kawza taghha giet mitluba mill-intimat Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u dana nonostante l-opposizzjoni tar-

rikorrenti l-ispejjez ta' din il-kjamata fil-kawza ghandhom ikunu a karigu ta' dan l-intimat.

Deputat Registratur

rf.